# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 691/97

Albert Zammit
vs
Chairman Water Services Corporation

Illum 4 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f'li gie mkecci mix-xoghol.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent kien jahdem mal-Water Services Corporation, bhala impressed driver. Illi ir-rikorrent kien ilu jahdem dan ix-xoghol ghal-tlettax il-sena, b'kuntratt li jiggedded minn sena ghal sena. Illi wara l-elezzjoni

generali tal-1987 u aktar meta l-Partit Nazzjonalista kien tela' fil-gvern, il-kuntratt tar-rikorrent ma regax gie mgedded u ghalhekk ma setax jirraporta izjed ghax-xoghol. Illi ir-rikorrent ma nghata ebda raguni ghaliex il-kuntratt tieghu ma giex imgedded. Illi l-kuntratt ma kienx iggedded mhux ghax ma kienx hemm bzonn ta' nies ghal dan ix-xoghol, izda ghaliex iddahhal persuna ohra fil-post tar-rikorrent u dan jidher li minhabba ragunijiet politici;

Illi ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu quddiem dan it-Tribunal lix-xhieda kollha indikat fir-rikors;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi ir-rikorrent jinghata kumpens li jkopri z-zmien li kien dam jirregistra ghall-xoghol jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' kif tiddeciedi li hu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma li eccepiet:

1. Illi dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti sabiex jisma' dan ir-rikors stante li l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu f'xi wahda jew aktar mill-azzjonijiet elenkati fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol ta' impressed driver kien b'kuntratt definit ta' tlett xhur u fil-kaz tar-rikorrent dan il-kuntratt gie mgedded diversi drabi fl-1987.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` lix-xhieda bil-gurament.

Sema` l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fit-8 ta' Frar, 2000 dan it-Tribunal iddecida dwar l-eccezzjoni tal-inkompetenza tat-Tribunal ratione materiae fis-sens li t-Tribunal ghandu kompetenza ghax ghall-finijiet tal-Att VIII tal-1997 Driver bil-karozza impressed ghandu jitqies li jaqa' taht "dhul fl-impieg"

Ir-rikorrent ikkonferma l-ezattezza u l-verita` ta` dak kollu li hemm imnizzel fir-rikors.

Raymond Xuereb li jahdem mal-Water Services Corporation fl-Administration and Transport ikkonferma li r-rikorrent kien jahdem bhala impressed driver mal-Water Services Corporation. Semma li fl-1987 ma kienx gie estiz il-kuntratt tieghu wara l-elezzjoni tal-1987. Zied li wara zmien dahlu nies ohra minnflok ir-rikorrent bil-karozza bhar-rikorrent. Ir-rikorrent kien ilu hemmhekk hafna zmien. Meta fittex il-file tar-rikorrent ma sab xejn fih li hemm xi raguni ghaliex spicca. Ma rrizultalu minn imkien li kien hemm xi ilment dwar ir-rikorrent, jew li l-vettura ma kenitx tajba ghas-servizz. L-ahhar kuntratt tar-rikorrent kien fit-22 ta` Dicembru 1987. Fuq l-istess karta hemm li huwa stopped 17/3/88.

Mario Caruana li jahdem id-Dipartiment tal-Employment and Industrial Relations u ghandu l-kariga ta' Assistent Direttur xehed li ta' Novembru 1990 records m' ghandux ghax huma tal-ETC. Zied li d-decizjoni qatt ma kienet tkun tad-dipartiment taghhom jekk il-kuntratt hux ser jiggedded jew le izda sempliciment id-dipartiment koncernat kien jinformahom u huma jiehdu n-notament tieghu. Esebixxa kopja ta' formola li kienu jaghtuhom li juri li l-kirja sejra tigi mgedda pero` jekk il-kirja tkun sejra tigi mgedda jew le ma kienx jiddependi minnhom izda kienet tkun l-ghazla tad-dipartiment. Anqas biss kien ikollhom r-raguni ghaliex kuntratt mhux sejjer jigi mgedded izda huma kienu sempliciment jezegwixxu d-direttiva tad-dipartiment koncernat.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien jahdem bil-karozza impressed mall-Korporazzjoni intimata meta fl-1988 il-kuntratt tieghu ma giex imgedded. Raguni ghaliex il-kuntratt ma iggeddidx ma inghatatx. La rrizultaw ilmenti fuqu u lanqas fuq il-vettura. Inoltre gew imdahhla nies ohra minfloku biex jaghmlu l-istess xoghol.

Fil-fehma tat-Tribunal din tammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-Att VIII tal-1997. Ghaldaqstant jichad l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira [LM3000] lir-rikorrent mill-korporazzjoni intimata.

Spejjez kontra l-Korporazzjoni ntimata.